MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 2734/2002

**The Cargo Handling Company Limited**

**vs**

**United Foods (marketing) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' mija tnejn u tletin Liri Maltin (LM132) rapprezentanti servizz ta' rilaxx ta' merkanzija li flimkien ma erbatx-il Lira u senghin centezmu (LM14.70) spejjez ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Dicembru, 2001 jammontaw komplessivament ghal mija u sitta u erbghin lira u sebghin centezmu (LM146.70)

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tas-servizz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzamu quddiem it-Tribunal;

Ra lli gie prezentat kapitolu fit-22 ta' Jannar, 2007 mill-Avukat Franco Galea u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------